# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

9 ta' Lulju, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea– Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 2**

2.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-ewwel Minuti ta’ dan il-Kunsill;
2.3 Dikasteri;
2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
2.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
2.6 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
2.7 Rapport ta’ kull kwart Jan – Mar 2019;
2.8 Offerta – SNTLC 04/2019 Restoration of Rubble Walls (M 4.4);
2.9 Offerta – Household Refuse Collection 2019;
2.10 Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv;
2.11 Ilmenti u Suġġerimenti;
2.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 06/2019;
2.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 2 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

2.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-ewwel Minuti ta' dan il-Kunsill

2.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-ewwel laqgħa Nru. 1 – 9 ta' dan il-Kunsill li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2.3 Dikasteri

2.3.1 *Fis-1.37 daħlet għal laqgħa l-Viċi Sindku. Hi talbet apoloġija għax waslet ftit tard.*

2.3.2 Is-Sindku għadda mill-ewwel biex ta d-dikasteri lil Viċi Sindku u lil Kunsillieri. Dawn ġew imqassmin hekk:

Il-Viċi Sindku ngħatat ir-resposabbilta' tal-Edukazzjoni u l-Indafa.
Il-Kunsillier Clayton Tewma ngħata r-resposabbilta tal-Kultura u l-Integrazzjoni Soċjali.
Il-Kunsillier Joseph Bajada ngħata r-resposabbilita' tal-Isport u l-Attivitajiet Fiżiċi.
Il-Kunsillier Steven Gauci ngħata r-responsabbilita' tal-Ambjent u l-Ħarsien tal-Annimali.
Filwaqt li s-Sindku żamm ir-responsabbilita' taż-Żgħażagħ u t-tfal, l-Anzjani, il-Qasam Soċjali, l-Innovazzjoni, l-Infrastruttura u l-Proġetti.

2.3.3 Il-Viċi Sindku talbet lill-Kunsill li hi tixtieq li tieħu r-responsabbilta tad-dikasteru tal-Anzjani. Is-Sindku wieġeb li dan id-dikasteru għal issa ser iżommu hu peress li jixtieq li dan jissaħħaħ u qal li se jitlob l-għajnuna tal-Viċi Sindku biex hi tkun on board miegħu. Hu wiegħed lill-Viċi Sindku li l-quddiem dan id-dikasteru se jgħaddihula.

2.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li kull Kunsillier għandu d-dritt li jaħtar sottokumitat u minn fost il-membri ta' dan is-sottokumitat għandu jinħatar segretarju biex fl-aħħar ta kull sena kull Kunsillier jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam li għalih huwa responsabbli biex dan ir-rapport ikun inkluż fir-Rapport Amministrattiv.

## 2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur tal-proġett ta' Triq Sannat qed jiġi nfurmat biex titkompla t-triq pero issa li waslet il-festa dan ix-xogħol f'din it-triq għandu jitwaqqaf temporanjament u jitneħħa kull ostaklu u periklu li jista jkun hemm. Huwa qal li hu flimkien mas-Segretaju Eżekuttiv, il-Perit u l-Kuntrattur iltaqgħu fuq il-post fejn ġie spjegat lill-Kuntrattur x'għandu jsir. Il-Kunsillier Joseph Bajada talab li rridu nżommu mat-time frames u d-deadlines ta dan il-kuntratt.

2.4.2 Tiġrija taż-Żwiemel – Is-Sindku qal li t-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel li ssir kull sena u li ilha issir sa mill-1810 din is-sena għandu jidħol responsabbli għaliha l-Kunsill dan peress li l-organizzaturi ta din ċedew li jorganizzawha huma. Is-Sindku qal li hu ma jħosx u li ma jridx ikun parti minn dak li wettqu missierijietna fl-imgħoddi jispiċċa u li din ma tibqax issir. Din it-tiġrija għandha issir nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019 mill-4.00 p.m. sat-8.30 p.m. fl-istess triq li dejjem saret. Hu qal li tqabbad l-Inġinier Mario Galea minn Galea Curmi Engineering Consultants li għamel ir-risk assesment fuq din l-attivita' u li dan sar b'serjeta kbira. Hu qal li ntalab permess lill-Kap tal-iskola biex tkun tista tinbena struttura ta' scaffolding fil-ground tal-iskola biex b'hekk fi Triq Anton Tabone u Triq Sannat inkluż il-pjazza ma jkun hemm l-ebda persuna ħlief il-puliżija u s-Security guards biex b'hekk ikun hemm sigurta stretta u b'hekk jiġi ssalvagwardjat kulħadd. Dan l-iscaffolding se jiġi ddisinjat mill-Inġinier Matthew Cauchi. Mill-iskola għad-dħul u l-ħruġ se jkun hemm żewġ entraturi waħda minn Triq Marziena u l-oħra minn Triq 28 ta' April 1688. Il-Kap tal-iskola talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex jinżabru s-siġar tal-ficus li jisabu n-naħa ta' Triq Sannat mill-ħaddiema tal-Edukazzjoni biex il-Kunsill jikri high up, xi skips u trakkijiet għal qtugħ u l-ġarr taz-zkuk. Għandhom jinkrew public conveniences biex b'hekk fl-iskola ma jidħol ħadd. F'każ li n-nies joħorġu mill-grawnd tal-iskola din it-tiġrija titwaqqaf biex b'hekk jiġi evitat kull periklu. Fi Triq Anton Tabone għandu jsir gate u barriers tal-ilma matul it-triq. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jiltaqa mall-manager u l-Health and Safety Cordinator tas-Security u mall-Puliżija biex issir laqgħa b'kordinament mall-Inġinier. Ir-residenti ta' Triq Sannat għandhom jiġu nfurmati b'din l-attivita'. Is-Sindku qal li għad jonqos il-permess tal-Pulizija u Transport Malta. Il-Kunsill qabel ma dan u esiġa biex din it-tiġrija tradizzjonali tibqa ssir.

2.4.3 Is-Sindku qal li l-Kumitat tas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex il-Kunsill jissuplixxi kera ta' stage għal kunċert sinfoniku annwali mill-banda li ser isir nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju 2019 fil-ġimgħa tal-festa. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.4.4 *Il-Kunsillier Joseph Bajada talab lill-Kunsill biex jiġi skużat minħabba mpenji personali, il-Kunsill aċċetta u dan ħareġ mill-kamra tal-laqgħat.*

2.4.5 Is-Sindku qal li bħas-snin l-imgħoddija fil-ġimgħa tal-festa għandhom jinkerew mobile portable toilets fil-pjazza mit-Tnejn sal-Ħadd. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.4.6 Is-Sindku qal li x-xogħolijet ta' resurfacing b'monolitich concrete system fi Sqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenċ minn fondi ta' DEPF (Awtorita' tal-Ippjanar) huwa lest biss il-Kuntrattur għandu jirranġa xi parti minn din it-triq.

2.4.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jistenna r-risposta ta' meta se jiġi ffirmat il-kuntratt mingħand id-DEPF (Awtorita tal-Ippjanar) biex ikun jista jibda x-xogħol ta' tisbieħ fi Triq l-Isqof David Cocco Palmeri. Id-DEPF talbu xi kjarifiċi fuq l-interpretation panels mingħand il-Perit.

2.4.8 Is-Sindku qal li dan il-Kunsill għandu jerġa jibda jaħdem biex jikseb il-fondi meħtiega biex isir il-proġett ħolistiku ta' Pjazza Santa Margerita hekk kif anke riċenti l-Ministru għal Għawdex ħabret dan il-proġett kemm il-darba fil-Parlament Malti. Għalhekk intalbet laqgħa mall-Ministru għal Għawdex dwar Pjazza Santa Margerita, Triq tal-Lewż u Triq Mġarr ix-Xini.

2.4.9 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien ġibed l-attenzjoni li l-Ġnien tal-Bidwi għandu bżonn tal-manutensjoni fuq is-siġar u qtugħ u qlugħ tal-ħaxix ħażin. Il-kwotazzjoni miksuba kienet waħda għal prezz ta' €3561.24ċ. Il-Kunsill qabel ma dan u l-kuntrattur għandu jitalab biex jgħamel dan ix-xogħol.

2.4.10 Is-Sindku qal li resident minn Triq Skerla li fil-futur bil-ħsieb li jibni qed jitlob biex issir rezone mall-Awtorita’ tal-Ippjanar ta’ spazju miftuħ fi Triq Skerla kantuniera ma Triq Palazz Palina. Il-Kunsill qabel biex il-Perit jieħu ħsieb li jsir dan.

2.4.11 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie infurmat jekk hux interessat li jipparteċipa fil-Pink October. Il-Kunsill qabel li se jipparteċipa billi jgħixel l-Kalkara tal-Ġir.

2.4.12 Is-Sindku qal li hemm il-bżonn li jsir refreshment tal-żebgħa tas-sinjali tat-toroq f’Ta’ Sannat. Il-Kunsill diġa talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ biex dan ix-xogħol isir u ħaseb għaż-żebgħa u qed jistenna mingħand l-uffiċjal inkarigat.

2.4.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntalbet biex issir laqgħa mall-Inġnier tal-Water Services u tal-EneMalta dwar tqattigħ li qed isir fit-toroq għal servizzi u dawn ma jiġux resurfaced kif inhu xieraq meta l-Kunsill għamel minn kollox biex ikollu tarmak ġdid kważi f’kull triq. Waqt il-laqgħa mall-Inġinier tal-EneMalta l-Kunsill ġie nfurmat li se tinbena substation ġdida fi Triq Gerxija minħabba l-istabilita tal-dawl f’dawn l-inħawi ta’ Triq il-Kbira, Triq l-10 ta’ Ottubru 1942, Triq Pisoniano, Triq Gerxija u Triq Bardan.

2.4.14 Is-Sindku qal li dwar il-permessi tal-festa għandhom jibqgħu kif kienu jarmaw. Il-Kunsill qabel li għal din is-sena wkoll il-permessi tal-festa jibqu kif kienu jarmaw fis-snin preċedenti.

## 2.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

2.5.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 2.6 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

2.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li r-Reġjun Għawdex ħareġ sejħa waħda għal dawk il-Kunsilli Lokali Għawdxin li ma għadhomx Data Protection Officer biex b’hekk dawn ikollhom din il-persuna li tkun tista tgħamel dan ix-xogħol. Il-Kunsill ġie nfurmat li bħalissa uffiċjal mill-uffiċju tar-Reġjun qed jgħamel dan ix-xogħol sakemm tiġi evalwata u aġġudikata l-offerta.

2.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li talab lil Paying Agency biex l-pagament finali ta’ Triq Bardan minn Miżura 4.3 li huwa ta’ €15824.17 jkun jista jitħallas lill-Kuntrattur. Għalhekk kellha ssir *change request form* sal-aħħar ta’ Awwissu 2019. Dwar dan il-Kunsill għadu jrid jirċievi lura.

2.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li *CCTV cameras* fi Triq Palazz Palina ġew installati f’din it-triq. Is-Sindku għandu jkellem lill-persuna li se tissuplixxi d-dawl biex din tiġi attivata. Dawn flimkiien mall-bandla għal persuni bi bżonnijiet speċjali ġew aċċettati mill-WasteServ Ltd biex jiġu rimbursati mill-grant miksub u mirbuħ riċenti.

2.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li peress li beda l-istaġun tas-sajf bħas-sena l-oħra l-Kunsill żied kollezzjoni tal-ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda kull nhar ta’ Sibt minn nhar is-Sibt 15 ta’ Ġunju sa nhar is-Sibt 14 ta’ Settembru 2019. Dan qed isir biex ir-residenti f’din il-lokalita’ jkunu moqdija aħjar u b’hekk inżommu aktar indafa fil-lokalita’.

2.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu kiteb lid-Direttur (Moniteraġġ u Sapport) dwar

jekk il-Kunsill iridx jerġa jaħtar l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ peress li l-Ambaxxatriċi spiċċat peress li għalqet it-tmintax – il sena. Hu qal li għandu jirċievi risposta dwar dan.

2.6.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-bieb tal-faċċata ta' barra u dak tal-garaxx għanhom bżonn iż-żebgħa. Il-Kunsill qabel li għandu jara li dawn jinżebgħu.

2.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-gallerija tal-injam tal-faċċata tal-Kunsill spiċċat bl-elementi naturali. Il-Kunsill qabel li din għandha tinbidel ma waħda ġdida.

2.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex fejn talab jekk il-membru effettiv u l-membru sostitut humiex ser jibqgħu l-istess. Is-Sindku u l-Viċi Sindku kkonfermaw dan.

2.6.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt tal-kwotazzjoni tal-latrina pubblika wasal biex jgħalaq u talab jekk il-Kunsill hux ser ikompli b'dan is-servizz mingħand dan il-Kuntrattur. Il-Kunsill qabel li dan għandu joħroġ mill-ġdid u miegħu jinkludi l-latrina tal-Ġnien tal-Bidwi.

2.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-mutur tal-airconditioner li kien fuq il-brackets fil-bitħa tal-uffiċċju tiegħu tqaċtu u ġarrab ħsarat li ma jissewwiex. Il-Kunsill qabel li dan għandu jinbidel ma wieħed ġdid. Għalhekk dak il-qadim għandu jitneħħa mill-fixed assets register. Hu ġibed l-attenzjoni li l-airconditioner tal-uffiċċju tal-administration mhux ikessaħ. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li fil-board room ukoll hemm bżonn li jigi nstallat wieħed. Għalhekk il-Kunsill għandu jiġbor kwotazzjonijiet biex jinxtraw tnejn oħra.

2.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hemm il-bżonn ta' 10 no parking signs ġodda. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu ordnati.

2.6.12 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Edukazzjoni talab lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna għal kariga ta' President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja ta' Sannat. Il-Kunsill għandu jara lil min jista jaħtar.

2.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali qed titlob laqgħa mall-Kunsill dwar l-andament ta' dan l-uffiċju peress li mhux qed ikun hemm konkorrenza kull nhar ta' Ħamis bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar. Il-Kunsill għandu jgħamel laqgħa mad-Dipartiment biex jara tistax tiġi solvuta din il-problema u jibqa jingħata dan is-servizz.

2.6.14 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2019 għandu sezjoni ta' taħrig fuq governanza tajba ffinanzjat minn Norwegian Fund Mechanism f'Malta. Hu qal li se jattendi.

2.6.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Meusac se torganizza sezzjoni ta' Project Development and Writing nhar il-Ħamis 18 ta' Lulju 2019 fl-Experimnetal Farm, ix-Xewkija.

2.6.16 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 09/2019: Riforma Gvern Lokali – Pubblikazzjoni tal-verżjoni konsolidata tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363)

Ċirkulari Numru 10/2019: Devoluzzjoni Lokali – *Memo* 25/1999

Ċirkulari Numru 11/2019: Riforma Gvern Lokali – Pubblikazzjoni ta' A.L. 122 tal-2019 – bidu fis-seħħ ta Artikolu 30, eskluż paragrafu (B) tieghu, tal-Att Numru XIV tal-2019

Ċirkulari Numru 12/2019: Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri

Ċirkulari Numru 13/2019: Permess għal depozitu jew użu ta' krejn jew makkinarju

Ċirkulari Numru SPI/SCI/09/2019: LC CARE Project – Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'

Ċirkulari Numru SPI 10/2019: Skema Finanzjarja – Żvilupp ta' Libreriji Lokali / Reġjonali f' Ċentri tal-Komunita'

Ċirkulari Numru SPI/SCI/11/2019: Ghajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (*Lifelong Learning*)

## 2.7 Rapport ta' kull kwart Jan – Mar 2019

2.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-ewwel kwart ta' din is-sena. Dan sar wara li sar l-awditjar mill-awditur u ġew entrati l-kontijiet fis-sistema għal Jannar – Marzu 2019. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport.

2.7.2 *Fit-3.18 p.m. il-Kunsillier Steven Gauci skuża lill-Kunsill għaliex kellu jħalli din il-laqgħa minħabba mpenji personali.*

## 2.8 Offerta – SNTLC 04/2019 Restoration of Rubble Walls (M 4.4);

2.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta Nru. SNTLC 04/2019 Tender for the Restoration of Rubble Walls taħt miżura M4.4 li kienet reġgħet ġiet ppublikata għar-raba' darba, il-bord kompost apposta għal din l-offerta evalwa u aġġudika din l-offerta dakinhar stess li għalqet nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2019. Għal din l-offerta ġew offruti tlett offerti bl-irħas waħda hi dik għal prezz ta' €49292.00 (VAT eskluża) u li din kienet compliant. Il-bord irrakomanda din l-offerta. Il-Kunsill qabel u aċċeta.

## 2.9 Offerta – Household Refuse Collection 2019

2.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta tal-Household Refuse Collection konġunta bejn il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat, Ix-Xagħra u Ix-Xewkija ġiet ppublikata u għalqet nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2019. Il-bord maqbul mill-partijiet u maħtur għal din l-offerta ltaqa' nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2019. Meta il-bord ġie biex jevalwa u jaġġudika din l-offerta li għal din l-offerta kien hemm offerent wieħed biss fejn il-bord ra u sab li li dan kienet over budget. Is-Segretarji Eżekuttivi rispettivi tal-Kunsilli konċernati talbu laqgħa mall-Kuntrattur li huwa l-istess wieħed li l-Kunsilli rispettivi għandhom kuntratt attwali u li dan għalaq fl-aħħar ta' Ġunju 2019 fejn tlabna biex dan ikompli bl-istess servizz sakemm isir it-transit bejn leġislatura u oħra u l-Kunsilli jieħdu deċissjoni. Il-Kuntrattur qabel ma dan. Is-Segretarji Eżekuttivi qablu flimkien sabiex jistennew biex jiddeċċiedu l-Kunsilli Lokali l-ġodda, sa dan it-tant inkitbet imejl lid-Direttur Moniteraġġ u Sapport dwar dan il-każ.

## 2.10 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

2.10.1 Is-Sindku qal li ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li d-90 ġurnata tal-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv waslet biex tgħalaq u għalhekk hemm il-ħtieġa li dan jew jerġa jintalab biex jiġġedded jew jintgħażel persuna oħra. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġġedded.

## 2.11 Ilmenti u Suġġerimenti

2.11.1 Il-Kunsill irċieva imejl bir-ritratti ta' ħaxix li kiber mhux ħażin fit-Triq ta' Imgarr ix-Xini. Dan il-ħaxix qed jinqata u l-Kunsill talab l-għajnuna tad-Dipartiment tal-indafa tal-Ministeru għal Għawdex.

2.11.2 Il-Kunsill irċieva ilment li l-bajja ta' Mġarr ix-Xini qed tkun ngumbrata b' ħafna *deck chairs u umbrella's.* Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil din il-persuna li lmentat biex tgħamel rapport mall-Pulizija u mall-Malta Tourism Authority.

2.11.3 Resident li joqgħod fi Triq il-Moxa reġa bagħat *e-mail* rigward bankina bil-madum maqlugħa u dawn qegħdin perikolużi. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Kuntrattur biex din tiġi rranġata.

2.11.4 Il-Kunsill irċieva imejl sabiex jsir patching fi Triq Sannat u fil-Pjazza Santa Margerita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu diġa talab il-Ministeru għal Għawdex biex isir dan u dan sar.

2.11.5 Il-Kunsill qal li ġie avviċinat minn residenti li hemm il-ħtieġa li jsir żbir tas-siġar tal-ficus fi Triq il-Kbira u Triq Marsilja. Il-Kunsill għandu jara li jsir dan.

2.11.6 Xi residenti talbu biex isir patching ta' ħofra perikoluża quddiem Falzon House fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li din tiġi rranġata.

2.11.7 Il-Puliżjia li jkun ma tfal tal-iskola waqt id-dħul u l-ħruġ issuġġerrixa biex jinbidlu t-tabelli li hemm dwar l-egħluq tat-triq li spiċċaw bl-elementi naturali u li ma għadhomx jinqraw. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jibdel dawn it-tabelli qabel terġa tibda s-sena skolastika l-ġdida.

2.11.8 Resident minn Triq Sannat talab biex jiżdied id-dawl b'xi żewġ floodlights oħra fi Triq Sannat. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Kuntrattur dwar dan.

2.11.9 Xi residenti ġibdu l-attenzjoni li xi lava mill-art tal-Pjazzetta tax-Xelina qed tinqala u teħtieġ manutensjoni. Dan ix-xogħol għandu jsir wara l-festa.

2.11.10 *Fit-3.35 p.m. is-Sindku estenda l-laqgħa.*

2.11.11 Is-Sindku talab biex jiġu ordnati tabelli ġodda "pick after your dog". Il-Kunsill qabel ma dan.

2.11.12 Il-Viċi Sindku ġibded l-attenzjoni li xi residenti qalulha li fi Triq Sannat fejn il-gate in-naħa ta' isfel hemm pipe perikoluż il-fuq f'wiċċ it-triq. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Kuntrattur li qed jaħdem fuq il-proġett ta' Triq Sannat biex dan jitneħħa.

2.11.13 Il-Viċi Sindku qalet li residenta talbet biex fi sqaq fi Triq Xamgħan jerġgħu jiġu nstallati l-bollards biex ma jgħaddux vetturi minn din it-triq dejqa u b'hekk jiġu ssalvagwardjati t-tfal li jmorru l-MUSEUM. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.11.14 Il-Viċi Sindku qalet li resident minn Triq il-Kbira talab biex isir refreshment biż-żebgħa tas-sinjal tat-traffiku f'din it-triq. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dan ix-xogħol taż-żebgħa qed isir. Hi qalet li fi Triq Dun Xand Aquilina għandha ssir mera.

2.11.15 Il-Viċi Sindku qalet li s-sid ta' Rosina Bar qed tilmenta li l-bankina ta quddiem il-ħanut tagħha qedha fi stat perikoluż. Il-Kunsill qal li din diġa nqalet darba oħra u għandhom jeħlu l-bollards.

## 2.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2019

2.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 2.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa.

2.13.2 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 ta' Awwissu 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 12 ta' Awwissu 2019

**(Iffirmata)**

Philip Vella
Sindku

**(Iffirmata)**

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv